**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 12**
**Appell Nru: 89/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Mario Buttigieg )**

**Vs**

**JOSEPH SCICLUNA**
**-------omissis-----**

**Illum, 25 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Joseph Scicluna talli fid-9 ta'Dicembru, 1999, fil-11.00 a.m., f' La Mirana Restaurant, St. Anthony Street, Marsascala :

1. Qed l-ikel b'mod li jinvolvi riskju ta'kontaminazzjoni ;
2. Naqas milli jzomm il-fridges, cooker u xkaffar fi stat nadif ;
3. Zamm l-art tal-kcina, is-saqaf u l-hitan tal-kcina fi stat mahmugin u fi stat hazin ta'tiswija ;
4. Naqas li jzomm mal-friskatur tal-kcina provista ta'ilma b'temperatura kontrollata .

Rat is-sentenza moghtija fit-23 t'April, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Joseph Scicluna hati ta' dawn l-akkuzi w kkundannatu komplessivament Lm25 Multa.

Rat ir-rikors t'appell ta'Joseph Scicluna datat 7 ta'Mejju, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata biex b'hekk jigi liberat minn kull piena w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi mill-analizi tal-provi li semghet din il-Qorti, li ghandha tahseb li huma sostanzjalment l-istess provi li semghet l-ewwel Qorti, jirrizulta li ma tantx hemm xi tghid aktar minn dak li qalghet l-ewwel Qorti.

Fil-perijodu msemmi fl-akkuzi r-restaurant in kwistjoni kien licenzjat fuq l-appellant u, bhala tali, huwa kien legalment responsabbli li joqghod mal-kundizzjonijiet kollha li kellu fil-licenzja tal-pulizija mahruga f'ismu, fosthom li josserva r-regolamenti ta' l-ikel u igeni, u dan anke jekk f'dak iz-zmien dan il-fond kien qed jigi operat minn haddiehor. Ma hemm ebda dubju li dawn il-kundizzjonijiet ma kienux qed jigu osservati, u l-ewwel Qorti kellha ragun issib htija fl-appellant f'dan ir-rigward, izda fi grad anqas minn min effettivament kien qed jopera mill-istabbiliment in kwistjoni.

Ghal dawn il- motivi, il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tvarja b'xi mod dak li ddecidiet l-ewwel Qorti kemm ghal dak li hu l-meritu kif ukoll il-piena.

Ghalhekk l-appell ta'Joseph Scicluna huwa michud u s-sentenza appellata hi konfermatha fl-intier taghha.

Aldo Testone
Deputat Registratur